GVERN TA` MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA



# RIFORMA

fis-Sistema tal-Kumpilazzjonijiet u Rinviji

# IR-RAPPORT MCBRIDE

**2019**

L-ewwel proġett iffinanzjat mid-DG Reform sabiex jindirrizza oqsma ta' titjib fl-effiċjenza tal-ġustizzja. L-espert Jeremy McBride, f'isem id-Division for Legal Cooperation fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, fassal rapport, fejn wera kif il-proċess tal-kumpilazzjoni f'Malta setgħa jiġi riformat, billi:

- Jitnaqqas iż-żmien tal-proċess ta' kumpilazzjoni;
- Tassigura id-drittijiet tal-vittmi u ta' min huwa akkużat

# Ir-Rapport McBride: Proċess ta' riformi

1. Emendi Leġislattivi:

   L-abbozz ta' liġi msejjħa 'Att tal-2023 li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Istruttorja'.

2. Bidliet amministrattivi u ta' natura operattiva:

   ez: l-Introduzzjoni ta' case management systems fil-qrati u fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

3. Faċilatajiet u riżorsi adegwati:

   ez: Żieda fin-numru ta' avukati; riżorsi diġitali

4. Taħriġ:

   ez: Taħriġ tal-Professjonisti Legali wara li tidħol fis-seħħ ir-riforma

# Proċess wiesgħa ta' konsultazzjoni bejn ir-rapport McBride u l-Att propost



# Emendi Proposti: Numru ta’ każijiet

1. Jiżdiedu l-każijiet fejn il-kumpilazzjoni tista’ ma ssirx:

L-Avukat Ġenerali tista’ tagħti l-kunsens biex kawża fejn l-akkużi li ma jġġorux piena ta’ iktar minn 12-il sena ħabs, tinstema quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Dan iffisser li jonqos in-numru ta’ każijiet li jgħaddu mill-kumpilazzjoni.

# Emendi Proposti: Provi

2. Il-prosekuzzjoni trid tippreżenta l-Qorti bi provi fi żmien massimu ta' 70 ġurnata:

It-terminu ta' 40 ġurnata jiskatta minn mindu l-imputat jidher għall-ewwel darba quddiem il-Qorti u jiġu preżentati l-akkużi. Dan it-terminu jista' jġi estiż darba għal 30 ġurnata (389A(3)). Matul dak it-terminu l-prosekuzzjoni tista' tkompli tippreżenta l-provi (389A(4).

3. Il-Provi tal-imputat:

L-imputat jkun intitolat illi fi żmien 20 jum mindu jiskadi ż-żmien li fiħ il-prosekuzzjoni hija obbliġata li tippreżenta l-provi tagħha, jippreżenta nota li biha jiddikjara jekk hux bi ħsiebu jressaq provi matul il-kompilazzjoni (389B(1)). Jekk dik in-nota ma tiġix preżentata, il-Qorti tqis li l-istadju tal-provi tal-imputat fil-kompilazzjoni bħala magħluq (389B(5);

Jekk l-imputat jagħżel li jippreżenta provi huwa jkollu 40 + 30 jum biex jiddikjara u jippreżenta l-provi tiegħu taħt kondizzjonijiet simili għal dawk applikabbli għall-provi tal-prosekuzzjoni;

# Emendi Proposti: Provi

4. Dokumenti u provi mhux miġjuba waqt il-kompilazzjoni:

Dawn jistgħu jinġiebu wara l-għeluq tagħha quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Jekk id-dokumenti u l-provi ma jilħqux jinġiebu saż-żmien ta' sena li fih trid tingħalaq il-kompilazzjoni, tapplika l-proċedura li biha l-provi jkomplu jinstemgħu fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont liema Qorti tkun qegħda tisma' l-kawża;

Dak li ma jkunx laħaq sar waqt il-kompilazzjoni jista' jsir quddiem il-Qorti li għandha tkun għaddiet il-kawża (370(3)(c) u 438(4A));

Id-deċiżjoni dwar jekk hemmx provi biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża xorta tittieħed fi żmien sena u biss abbażi tal-provi miġjuba fil-kompilazzjoni;

# Emendi Proposti: Xhieda

5. Xhieda tista' titressaq b'affidavit waqt il-kompilazzjoni:

Esperti maħtura minn Maġistrat fil-kors ta' proċeduri ta' in genere, aċċess jew repert fil-każ li jkollhom xi jżidu dwar ir-r-relazzjoni tagħhom; esperti tal-Qorti, tobba jew professjonisti oħra involuti fil-proċeduri minħabba l-eserċizzju tal-professjoni tagħhom; membri jew uffiċċjali ta' forza tal-pulizija jew xhieda oħra li jkunu nvoluti fis-smiegħ tal-każ minħabba l-funzjonijiet uffiċċjali tagħhom.

Ix-xhieda l-oħra kollha fil-kompilazzjoni għandhom jinstemgħu viva voce ħlief jekk jaqbel l-imputat.

6. Il-Qorti xorta tibda tisma x-xhieda mill-ewwel:

Il-Qorti tista tibda tisma x-xhieda li jkunu jridu jinstemgħu viva voce mill-ewwel mingħajr limitazzjoni jekk humhiex tal-prosekuzzjoni jew xhieda oħra li l-Qorti tinħtieg li jinstemgħu u mingħajr ma toqogħod tistenna li jkunu ġew preżentati l-provi kollha tal-partijiet. (389A(2))

# Emendi Proposti: Prima Facie

7. Id-digriet tal-‘prima facie’

Il-Qorti tiddeċiedi jekk hemmx provi biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt Att ta’ Akkuża:

Wara li jintemm l-istadju tal-provi tal-imputat fil-kompilazzjoni l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta’ akkuża:

**Jekk IVA** — Il-Qorti tibgħatu biex jitqiegħed taħt akkuża quddiem il-Qorti Kriminal

**Jekk LE** — Il-Qorti għandha tordna l-liberazzjoni tal-akkużat (289B(6)).

# Emendi Proposti: Tul tal-proċedura

8. Il-Kompilazzjoni tintemm fi żmien sena:

Il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fi żmien sena minn meta l-imputat jitressaq jew jidher għall-ewwel darba quddiem il-Qorti (401(1)).

9. Miżuri biex jevitaw it-teħid ta' ħin tal-Qorti minn formalitajiet:

Mhux ser jibqa' jeħtieġ illi l-Maġistrat jiffirma kull paġna ta' kull dokument esibit. Jiffirma biss ix-xhieda skont l-art 395. Dwar id-dokumenti r-reġistratur jagħmel nota jew timbru fuq kull dokument (mhux fuq kull paġna). (Sostituzzjoni tal-Artikolu 396).

# Emendi Proposti: Tul tal-proċedura

10. It-tqanqil ta' kwistjonijiet Kostituzzjonali u ta' Drittijiet Fondamentali ma jwaqqafx il-kompilazzjoni:

Meta waqt il-kompilazzjoni tqum kwistjoni taħt is-sub-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jew taħt is-sub-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li tirreferi dik l-kwistjoni lill-Qorti Ċivili Prim Awla, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti istruttorja għandha, minkejja dik ir-referenza, tkompli bil-kompilazzjoni daqslikieku dik ir-referenza ma saritx u dik il-Qorti ma għandhiex tirrifjuta illi tisma xi xhud, illi jiġi preżentat xi dokument jew li jiġu preżentati xi provi waqt il-kompilazzjoni minħabba dik ir-referenza.

# Emendi Proposti: Tul tal-proċedura

11. Emendi minimi fil-Kostituzzjoni (Art 46 (3)) u fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropej (Art4 (3)):

Se jkunu proposti emendi sabiex fejn referenza dwar punt ta' drittijiet fondamentali li ssir fil-kors ta' kompilazzjoni tiġi konkluza wara li tkun intemmet il-kompilazzjoni, id-dispożizzjoni tal-punt determinat fir-referenza ssir mill-Qorti li quddiemha l-kawża tkun qegħda fiż-żmien meta tiġi determinat r-referenza u mhux bilfors mill-Qorti li tkun għamlet ir-referenza.

L-emenda għall-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tinħtieġ l-approvazzjoni taż-żewg terzi.

12. Il-proċedura tar-'rinviju' mill-Qorti lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u lura tispiċċa:

Il-proċedura tar-'rinviju' kontemplata fl-artikoli 405 u 406 tal-Kodiċi tispiċċa;

# Emendi Proposti: Korrezzjoni tal-Atti

## 13. Korrezzjoni tal-Atti waqt il-kompilazzjoni:

Waqt il-kompilazzjoni l-Qorti se tkun tista' tippermetti l-korrezzjoni tal-atti mingħajr il-bżonn ta' rinviju mill-Avukat Ġenerali (389C (3));

Il-korrezzjoni tal-atti tagħti lok għall-ħtieġa illi dawn jiġu notifikati mill-ġdid lill-imputat iżda dan ma jġibx il-bidu mill-ġdid tal-kompilazzjoni, ma jżommx il-kompilazzjoni milli tissokta u ma jġibx il-preskrizzjoni ta' akkużi li kienu diġa ġew notifikati lill-imputat (389C (4) u (5));

Din il-fakulta' ta' korrezzjoni hija wkoll estiża għall-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (389C (7)).

# Emendi Proposti: Early Guilt Plea

14. Tnaqqis Mandatorju fil-Piena f'każ ta' Ammissjoni:

Meta l-imputat jistqarr li hu ħati mill-ewwel, meta jitressaq il-piena tonqos b'żewġ gradi ħlief fil-każ ta' reati li jġibu l-għomor il-ħabs f'liema każ il-piena tonqos bi grad.

Jekk l-imputat jammetti l-ħtija fi stadju ieħor tal-process il-piena tonqos bi grad. (392A(1).

# Emendi Proposti: Il-libertà proviżorja

15. Imputat li jkun arrestat jinġieb quddiem il-Qorti kull 15-il ġurnata:

Imputat li ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest jinġieb quddiem il-Qorti kull 15-il jum sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk għandux jibqa' arrestat;

16. L-Imputat li ma jingħatax il-libertà proviżorja mill-Qorti tal-Maġistrati:

Ikollu dritt jitlob reviżjoni lill-Qorti Kriminali:

Waqt proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-imputat jista' jitlob ir-reviżjoni ta' kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, **kif ukoll** reviżjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom il-Qorti tkun ippermettiet ir-rilaxx tiegħu mill-kustodja taħt garanzija.

# Emendi Proposti: Miżuri wara li joħroġ l-att tal-akkuża

17. Miżuri dwar il-proċedura ta' wara li jsir l-Att tal-akkuża:

Se jitwalu t-termini għall-eċċezzjonijiet u għar-risposti mill-akkużat u mill-Avukat Ġeneral;

Meta għall-ġuri l-akkużat jiddikjara xhieda li ma jkunx indikhom qabel huwa jkun obbligat li jispjega l-oġġett tal-prova li jkun irid iġib b'dawk ix-xhieda fid-dettall;

L-akkużat f'ġuri irid ukoll jagħti avviż tal-ilmenti kostituzzjonali li jkun qiegħed iqajjem sal-istadju meta jagħmel in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-ġuri fl-istess nota tal-eċċezzjonijiet.

# Emendi Proposti: Vittmi

## 18. Drittijiet tal-vittmi parte civile:

Diversi emendi li se jsiru jipprovdu biex il-vittmi (il-‘parte civile’) jkollhom il-jedd illi jipparteċipaw attivament fil-proċeduri.

# Perijodu Tranżitorju

Dawn l-emendi se jkunu applikabbli biss għall-kawżi li jibdew wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

Għalhekk huwa previst illi fil-perijodu tranżitorju jkun hemm żewġ reġimi legali differenti applikabbli għall-kompilazzjonijiet.

# Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Ser jibda' jsir monitoraġġ tal-proċeduri tal-kompilazzjoni sabiex tiġi mkejjla l-effett tal-emendi proposti fuq l-effiċjenza tas-sistema.

ġustizzja